poeżiji bħal 'Ix-xmajjar tas-snin', 'Il-ġid u d-deni' u 'Poeta nisrani'.

Hemm ħafna x'tgħid biex tfisser ftit kif dawn il-mumenti kuntradittorji fil-persunalità poetika ta' Vassallo huma punti pożittivi, għalkemm mhumiex meħtieġa fil-proċess pessimista. Forsi l-akbar tifsira tagħhom fil-fatt li mexxielhom irażżnu l-pessimiżmu tal-poeta u jikkundizzjonawh b'mod li ma jħalluhx jersaq lejn l-assolutiżmu ta' Leopardi. Iżda l-punt importanti dwarhom jibqa' li huma dejjem varjazzjonijiet ta' l-istess tema: f'dan il-fatt hemm is-siwi u l-ġustifikazzjoni tagħhom.

## BEATLES

*Għalkemm lè jgħannu, lè iżda jistmerru*
*l-uċuh ta' dawk iż-żgħażagħ, huma xtaqu*
*mal-moda tagħhom jimxu u r-ras ikerrħu;*
*u dlonk tad-drawwa l-ġdida l-ħlewwa daqu.*

*B'surthom id-dwejjaq tad-dinja jderru.*
*Mal-ħmir ta' Don Giovanni ż-żwiemel saqu:*
*għajnejhom fuq tfajliet dejjem iġerru,*
*fil-għażż fuq bank f'xi ġnien ix-xemx jilagħqu.*

*Illum is-saltna ta' kull arti tagħhom,*
*fid-daqq, fil-għana, ukoll fil-poeżija.*
*Kull ġenn ta' moħħ tarah issieħeb magħhom.*

*Bi sbuħithom ixejnu kull sbuħija,*
*ir-Reġina ma' sħabhom b'ġieħ tilqagħhom*
*xtaqu, lè kisbu, għax ċaħdu r-Ruħ Maltija!*

A. Cremona